**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 19 ta' Frar, 2002

**Numru 18**

**Avviz. numru 2048/01JR**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Kermamet Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-31 ta' Dicembru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' wiehed u hamsin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm51.75) u fejn itqal:**

**Illi s-socjeta` Maltacom plc ipprovdiet lis-socjeta` konvenuta diversi servizzi ta' approvazzjoni ta' tip dwar it-taghmir tat-telekomunikazzjonijiet bejn it-3 ta' Settembru, 1998 u t-30 ta' April, 2001:**

**Illi s-socjeta` konvenuta naqset li thallas is-somma ta' wiehed u hamsin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm51.75) minnha dovuta tas-servizzi fuq imsemmija, skond il-Ligi (Avviz Legali 219 u 220 ta' l-1998), u dan nonostante li giet interpellata taghmel dan permezz ta' ittra ufficjali;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 18 ta' Settembru, 2001, u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma dehret. Semgha x-xhieda tal-P.L. Noel Scerri li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Art.13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' wiehed u hamsin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm51.75) bl-imghaxijiet legali mit-18 ta' Dicembru, 2001.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 18 ta' Dicembru, 2001, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**